MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 727/2002

**F.Mercieca & Sons (Mobili) Limited.**

**-vs-**

**Mario Tabone.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 ta' Gunju, 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi, il-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici bhala mastrudaxxa.

U illi l-impjieg tal-konvenut gie terminat fit-23 ta' Novembru 2000.

U illi l-konvenut hass li din it-terminazzjoni kienet wahda ingusta u ghalhekk irrifera il-kaz tieghu lit-Tribunal Industrijali (Kaz. Numru 1494).

U illi, b'decizjoni tas-7 ta' Mejju, 2002, it-Tribunal kkundanna lis-socjeta' attrici thallas lill-konvenut, l-ammont ta' elf, erba' mija u sebgha u sittin Lira (Lm1,467), u dan peress li sab li t-tkeccija mill-impjieg tal-konvenut 'saret b'mod ingust'.

U illi, id-decizjoni fuq imsemmija hija nulla u bla effett u dan peress li, kif jidher evidenti mil-lodo tat-Tribunal, l-istess Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu wara li erronjament ikkunsidra provi li qatt ma gew prodotti quddiemu u ghalhekk ma saritx gustizzja skond is-sustanza tal-kaz. Inoltre t-Tribunal skarta u injora provi rilevanti illi fil-fatt gew prodotti quddiemu.

U illi ghalhekk ukoll, din id-decizjoni ma hix wahda konformi mar-regoli tal-gustizzja naturali.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddecidi 'lli s-sentenza moghtija mit-Tribunal Industrijali fis-7 ta' Mejju, 2002, numru 1494 hawn fuq imsemmija, hija nulla u bla effett ghar-ragunijiet premessi.

2. Tirevoka dik id-decizjoni datata 7 ta' Mejju, 2002 moghtija mit-Tribunal Industrijali fil-kwestjoni tax-xoghol numru 1494 bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Marcellino Mercieca, I.D 244157(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fl-4 ta’ Settembru 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi c-citazzjoni attrici hija nulla u legalment m’hix sostenibbli stante li qed tipprova tissindika jew tappella minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali, meta l-ligi stess tipprovdi bl-iktar mod car li f’materja ta’ tkeccija ingusta minn impjieg fuq kuntratt indefinit, it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni esklussiva u ma jezistix dritt ta’ appell mid-decizjonijiet ta’ l-istess Tribunal. Tant hu ai termini ta’ l-artikolu 28 (1) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni esklussiva li jiddecidi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta ghal kull ghan. A tenur ta’ l-istess sub-artikolu, ir-rimedju ghal haddiem hekk imkecci ghal ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b’mod ingust ikun biss li l-ilment tieghu jintbghat quddiem it-Tribunal Industrijali u mhux xorta ohra.

2. Illi in vista tas-suespost, l-azzjoni attrici hija wahda frivola u vessatorja u in effetti hija intenzjonata biex tirbah il-hin u xejn aktar.

3. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, dak illi qed tilmenta minnu s-socjeta’ attrici huwa l-apprezzament li ghamel it-Tribunal tal-provi mressqu quddiemu u mhux ghax is-socjeta’ attrici ma nghatatx smiegh xieraq skond ir-regoli tal-gustizzja naturali. Illi ghalhekk fi kwalsiasi kaz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet F. Mercieqa & Sons (Mobili) Limited vs. Mario Tabone (Kaz. Nru 1494) moghtija fis-7 ta’ Mejju, 2002 hija wahda gusta u konformi mal-ligi u ghalhekk timmerita li tigi konfermata.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Gunju, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat.

Illi l-atturi qed jattakkaw decizjoni tat-Tribunal Industrijali li nghatat favur il-konvenut fis-7 ta’ Mejju, 2002. L-atturi tterminaw l-impjieg tal-konvenut li ressaq il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali illi akkordalu s-somma ta’ elf, erba’ mija u sebgha u sittin Liri Maltin (Lm1,467) bhala kumpens wara li sab li t-terminazzjoni kienet ingusta izda hass li ma kellux jordna reintegrazzjoni tal-impjieg.

L-atturi qed isostnu li t-Tribunal ma kellux jiddeciedi kif fil-fatt iddecieda minhabba li skond huma ghaliex l-istess Tribunal *erronjament ikkunsidra provi li ma gewx prodotti quddiemu u skarta* u *injora provi rilevanti illi fil-fatt gew prodotti quddiemu*. Dan ifisser skond is-socjeta’ attrici, illi id-decizjoni m’hijiex konformi mar-regoli tal-gustizzja naturali.

Naturalment il-kwistjoni principali f’din il-kawza hija jekk il-Qrati hekk imsejjha ordinarji ghandhomx kompetenza li jiddeciedu dwar proceduri li gia’ gew decizi mit-Tribunal. Din il-Qorti kif preseduta ricentement (fl-4 ta’ Mejju, 2004) fil-kawza fl-ismijiet Constantino Consiglio vs Air Supplies and Catering Company Limited kellha okkazzjoni tikkumenta fit-tul dwar din il-kwistjoni. Ghalkemm il-kawza imsemmija kienet tirrigwardja l-procedura li ghandha tigi mibdija f’kaz ta’ tkeccija meta din tkun giet ordnata minn Bord ta’ Dixxiplina, certi principji li kellhom jigu decizi huma simili ghal dawk li jridu jigu decizi fil-kawza odjerna.

Fis-sentenza Sea Services Limited vs Paul Aquilina et deciza fit-12 ta' Dicembru, 2001 din il-Qorti ikkumentat hekk;

*Kif inghad fis-sentenza Joseph Micallef vs Stivala Distributors Limited (Prim'Awla - 14 ta' Frar, 2001) fi kwistjonijiet ta' tkeccija ngusta mill-impjieg din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni u ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal Industrijali u dan iktar u iktar fid-dawl tal-Artiklu 31 tal-Kap 266 fejn l-istess Tribunal ghandu fil-procedura tieghu jizgura illi ssir gustizzja skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u bla hsara tar-regoli tal-gustizzja naturali.*

*Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess is-sentenza John Holland et noe vs Julian Schembri (App. Civili 20 ta' Mejju, 1991) stabbilit il-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati limitatament ghar-ragunijiet segwenti;*

*Dn il-Qorti ghandha gurisdizzjoni limitata ghal meta t-Tribunal Industrijali tmur ultra vires u/jew meta ma tkunx assigurata li l-gustizzja ssir skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u li tkun saret bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza kontra xi Ligi miktuba jew xi att iehor li jkollu forza ta' Ligi li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg.*

*Tal-istess portata hija s-sentenza Reno Alamango vs Mary Rose Ciantar (App. Civili 29 ta' Mejju, 1991)....*
*.. fis sentenza Montalto vs Clews (PA 26 ta' Mejju, 1987) jinghad illi;*

*Mis-suespost titnissel necessarjament il-konkluzjoni illi l-gurisdizzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija dupplici. F' dawn iz-zewg vesti l-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi skond il-Ligi u josserva l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti ghandha d-dritt li tissindika meta tkun hekk giet mitluba u adita li t-Tribunal*

*agixxa fil-limiti tal-Ligi illi in forza taghha hu kostitwit. Evidentement imbaghad ghandha s-setgha li tara li t-Tribunal bl-ebda mod ma kiser xi wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem. (vide* *Borg D' Anastasi vs Decesare et* *Vol LXIII-iii-753 u* *Vella Gatt vs Cassar* *PA 24 ta' Marzu, 1997).*

Ghalhekk l-uniku kompetenza ta' dawn il-Qrati f'kazi ta' tkeccija ngusta huwa dak ta' *judicial review* – ara s-sentenzi Dottor Vincent Falzon noe vs Isabelle Grima Vol LXXVII-ii-292 u Privitera vs Bonello – 11 ta' Frar, 1993 fejn intqal li ghalkemm Tribunal jista' jinghata b'Ligi specjali l-gurisidzzjoni esklussiva biex jiddeciedi kazi specifici, il-Qrati ordinarji xorta huma kompetenti li jissindikaw l-operat tat-Tribunal izda limitatament ghal dik li hija; a) eccess ta' gurisdizzjoni b) *non* osservanza tal-istess Ligi kostitwita u c) *non* osservanza tal-principji naturali tal-gustizzja.

Sentenza mill-iktar dettaljata hija dik tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Dr Carmel Chircop vs Awtorita Marittima ta' Malta (5 ta' Ottubru, 2001) izda din kienet kawza tixbah hafna iktar lill dik gia' citata Consiglio vs Air Supplies milli dik odjerna.

Is-socjeta' attrici f'din il-kawza qed issostni kif gia' inghad illi it-Tribunal iddecieda hazin skond il-provi illi ngabru quddiemu. Il-Qorti thoss li dan ma jinkwadra taht ebda kaz minn dawk fuq imsemmija. Ksur tal-principji naturali tal-gustizzja jfisser li xi parti ma tkunx thalliet tressaq il-provi taghha skond il-Ligi jew li min jiddeciedi l-kaz ikollu xi interess fl-ezitu tal-istess kaz. Ebda wiehed minn dawn il-possibiltajiet ma gie allegat mis-socjeta' attrici. Il-lanjanza taghhom – illi t-Tribunal ma kkonsidrax provi li ressqu meta ddecieda l-kaz jew li ta konsiderazzjoni xi fatti li ma rrizultawx mill-provi, huma validi meta wiehed jappella fejn jista' jappella skond il-Ligi izda mhux meta wiehed jitlob nullita' ta' sentenza moghtija minn Tribunal kostitwit skond

il-Ligi. Din il-Qorti fil-kawza moghtija fl-2004 fl-ismijiet Farrugia nomine vs Borg ikkumentat hekk;

*Fil-fehma tal-Qorti t-Tribunal ta l-interpretazzjoni tieghu ghall-kaz li kellu quddiemu u ukoll fil-fehma tal-Qorti, hija ma ghandhiex gurisdizzjoni ta' Qorti ta' Appell ghad-decizjonijiet tat-Tribunal. Fuq l-iskorta ta' uhud mis-sentenzi li gew citati l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tissindika l-interpretazzjoni tat-Tribunal fuq materja ta' tkeccija ngusta, anke jekk tista' certament ma taqbilx ma' tali intepretazzjoni. Fil-kawza msemmija Chircop vs Awtorita' Marittima l-Qorti tal-Appell qalet inter alia illi;*

*Il-Ligi ghalhekk .. tinvesti t-Tribunal Industrijali b'gurisdizzjoni esklussiva biex tittrata kazijiet ta' tkeccija ngusta ta' liema xorta jkunu...*

Dak li jinghad ghall-interpretazzjoni tal-Ligi jista' jinghad b'iktar konvincement ghal dak li jirrigwardja interpretazzjoni tal-fatti li jkunu gew ghall-attenzjoni tat-Tribunal. Ghalhekk ma hemmx lok wiehed jidhol fil-mertu proprju tal-kaz u cioe' li l-Qorti tissindika d-decizjoni tat-Tribunal.

**Il-Qorti ghalhekk tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjes kontra taghha.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------